SIGGIEWI ALBUM Nru. 9

# ID-DAWL MAL-FAĊĊATA TAL-KNISJA



*(b'kortesija tal-Każin tal-Banda San Nikola)*

Il-faċċata tal-knisja tagħna mdawwla għall-festa titulari fiha ritratt! Tant hu hekk li jidher f'diversi pubblikazzjonijiet, speċjalment dawk marbutin ma' folklor u turiżmu.

Però l-illuminazzjoni tal-faċċata tal-knisja fil-festa mhux dejjem kienet hekk. Ġbarna dan it-tagħrif li sa nagħtu mill-memorji ta' diversi nies li għadhom ħajjin. Sa l-ewwel gwerra dinjija, il-knisja u t-toroq kienu jinxtegħlu bit-tazzi taż-żejt li kienu jkunu ta' diversi kuluri. Kull tazza kien ikun fiha ċimblor ta' bi tlieta bi ftila tat-tajjar u ftit żejt. Ħafna jiftakru lil Salvu Psaila, magħruf bħala ta' Sjafa, megħjun minn ibnu Karmnu, mimli bil-għomor, jixgħel dik il-kwantità kbira ta' tazzi. Iż-żejt kien jinxtara f'ġarar talfuħħar u dawn kienu jintrefgħu f'bini tal-knisja li llum huwa s-sede ta' l-Azzjoni Kattolika Ġuvintur u Rġiel. Ħafna mit-tazzi kienu jinkrew minn Ħaż-Żebbuġ u minn Birkirkara u biex jinxtegħlu, l-inkarigati kienu jużaw slielem tal-ħbula. Peress li l-festa ta' San Nikola kienet issir f'Diċembru, it-temp kien jiddeċiedi jekk l-illuminazzjoni ssirx jew le. Infatti qabel ma jagħtu ż-żejt, ħarsa lejn l-ajru kellha twassal għad-deċiżjoni. "Nixegħelu l-lejla" għadhom igħidu l-anzjani meta filgħodu jisbaħ bnazzi. Jekk tagħmel ix-xita, minn dan kollu ma jsir xejn. Għall-memorja rridu ngħidu, li s-Sur Ġużeppi Mifsud, li kien prokuratur tal-Festa tal-Qalb ta' Ġesù kien jixgħel bit-tażzi l-bibien u ċ-ċinet f'din il-festa wkoll.

Sar żvilupp! mit-tazzi taż-żejt għaddejna għal aċidilena. Għal min ma jafx ngħidu li din is-sistema ntużat ma' tul l-għoxrinijiet ta' dan is-seklu. Tlett tankijiet kbar ta' madwar 10 piedi għoli, kienu jitqegħdu fil-bini li semmejna diġà u minnhom kienet toħroġ kanna ta' pulzier u kwart li twassal il-gass fil-friegħi li kienu, waħda għall-knisja biex tixgħel il-faċċata u l-oħra ddur taħt l-art madwar il-pjazza biex jixgħelu l-brazzi tal-pilan-

dri li kull waħda minnhom kien ikollha stop cock. Mal-ħajt tal-knisja, quddiem iċ-Ċirklu għadu jidher fejn kien hemm din il-kanna għall-gass. Il-kanen ta' l-elettriku li hemm maċċinet u mal-bibien illum kienu jintużaw għall-aċitilena. Bekk ta' pulzier kien ikollu toqba li minnha joħroġ il-gass u dan jixgħel, hekk kif it-tapp jixxarrab bil-pitrolju u jinfetaħ il-gass. Dan il-gass kien ġenerat minn faħam li jixxarrab bl-ilma ġot-tankijiet il-kbar li semmejna. Kollox fih il-periklu tiegħu u din is-sistema ta' illuminazzjoni kellha wkoll, tant li darba waħda l-gass illikja mill-kanna ta' taħt l-art u sploda u għamel ħsara konsiderevoli.

Is-sistema elettrika waslet fis-Siġġiewi fl-1932, imma l-illuminazzjoni fil-festa b'din is-sistema bdiet qabel peress li kienu jinġiebu l-ġeneraturi. Dawn damu jinġiebu għal xi snin, tant li wara l-gwerra kienu jiġu mislufa minn għand is-servizzi ingliżi. Minħabba l-progress tas-sistema elettriku u biex jiġi evitat l-istorbju ta' dawn il-ġeneraturi, wasalna biex l-illuminazzjoni ssir fis-sura tal-lum.

Id-delizzju ta' tnejn min-nies partikulari wasslu biex ikollna faċċata hekk sabieħa, armata bid-dawl elettriku. Is-Sur Karm Scicluna, sagrestan tal-knisja tagħna għal dawn l-aħħar 54 sena, ħa ħsieb xtara u ħaseb għal dak kollu li kien meħtieġ, u ilu jarma l-knisja bid-dawl għal dawn l-aħħar 30 sena. Is-Sur Scicluna għoġbu jirregala lill-Knisja Arċipretali tagħna, il-materjal kollu ta' holders, wires, bozzoz eċċ. biex tkompli tintrama għall-futur. Daħal fl-istess delizzju s-Sur Charles Pace li minn ġimgħat qabel il-festa jibda jarma u joħloq u jżejjen dejjem iżjed. L-interess ta' dawn it-tnejn min-nies u l-ġenerożità tas-Sur Scicluna wasslu biex l-illuminazzjoni tal-knisja tagħna tkun waħda mill-aqwa f'Malta, suġġett għal għadd kbir ta' ritratti li jittieħdu mit-turisti li jiġu għall-festa u kburija għas-Siġġiwin li jistgħu jħarsu u jitpaxxew bil-knisja sabieħa tagħhom mixgħula għall-festa.

J.C.



*(B'kortesija ta' John Vassallo)*